KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 69 Tnejn 10 ta' Diċembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:55 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
Angele Rapa – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
James Cassar -Viċi Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Joe Gatt- Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

**69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' James Cassar, Mario Sammut, Gianluca Busuttil u Joseph Gatt. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 68
REF: 68.3.3 - Siġra tal-Milied fil-Pjazza
Is-Sindku nforma li s-siġra tal-Milied fil-pjazza ħa tkun qed tintrama sa nhar il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2018. Kif wkoll filgħaxija ħa tibda l-banda li ħa tkun qed iddur fuq il-bankini bħala inizjattiva favur il-komunita kummerċjali.

**REF: 68.3.4 - 25 Sena Librerija**
Is-Sindku nforma li ġew mistednin ex-Sindki kif wkoll attivitajiet lokali, għal-attivita ċkejkna li tibda f'12:00pm. Din l-attivita ħa tkun qed tfakkar 25 sena ta' Gvern Lokali kif wkoll 25 sena kemm ila miftuħa l-librerija, fejn ħa ssir donazzjoni ta' kotba għal-librerija. Ħa tingħata wkoll tifkira lil-ex-Sindki li servew tul dawn l-aħħar 25 sena fil-lokalita tal-Mosta.

**REF: 68.3.5 - Bord tal-claims u interviews**
Is-Sindku nforma li l-ewwel *interviews* għal-skrivan saru, u issa jmiss jsiru it-tieni *interviews*. Rigward għal-*claims* is-Sindku nforma li l-bord għad jrid jiltaqa'.

**REF: 68.3.6 - Email-Rural development programme 2014-2020 measue 4.4**
Is-Sindku nforma li rċevejna reviżjoni, u 'issa bħala fondi flok 95,000 Ewro għanda 110,000 Ewro. Issa qed nistennew il-Perit tal-Kunsill biex jiġi ppublikat it-tender.

**REF: 68.3.7 - Ismijiet tat toroq pendenti**
Is-Sindku nforma li lis-Street Naming Committee għadu ma rrispondiniex, u għalhekk ħa nerġaw nibgħatu *reminder.*

**REF: 68.4.3 - Party għal-Anzjani**
Is-Sindku nforma li l-*party* għal-anzjani minklok ħa jsir fis-27 ta' Diċembru 2018. Din il-bidla saret peress li l-Paroċċa ħa jorganizza *party* għal-anzjani wkoll, u għalhekk ħa nikkolaboraw flimkien biex jsir *party* wieħed, u n-nefqa għal-Kunsill ħa tkun l-istess ammont li nfaqna is-sena l-oħra.

**REF: 68.4.5 - PAMA**
Is-Sindku nforma wara ir-rapport li tagħna l-Planner s-Sur Bjorn Bonello, issa kemm ngħamlu *meeting* mal-PAMA u Transport Malta, biex niddiskutu fuq ir-rapport tas-Sur Bonello.

**REF: 68.4.10 - Public Toilets**
Is-Sindku nforma li qed nistennew il-permess tal-Planning Authority.

**REF: 68.5.2 - Ġibjun u REF: 68.5.3 - Main Street ma Sqaq Nru. 3**
Is-Sindku nforma li fuq il-problema ta' l-ilma u tal-*flooding,* ix-xogħolijiet għadhom għadejjin u ħa terġa tingħalaq Triq il-Kbira. Il-Kunsill qed jaħdem flimkien mal-Water Services Corporation l-kuntrattur tagħna li qabbadna biex jinvestiga xi *blockages* u qisien ta' katusi.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 67.

**69.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**
**69.3.1 Kommunikazzjoni – Ndafa u Skart**
Is-Sindku nforma li l-Kuntrattur ġdid tal-knis ħa jibda din il-ġimgħa, u fuq Parks and Gardens il-bord jrid jibda l-evalwazzjoni. Rigward skart organiku jidher li r-residenti draw pero' għad hawn min jabbuża u joħroġ il-borża s-sewda u ma jimxex ma l-iskeda, pero' mexjin fid-direzzjoni t-tajba.

Is-Sindku nforma li l-Wasteserv kienet għamlet laqgħa mal-kuntratturi kollha fejn ippruvaw jenforzaw li l-ewwel tinġabar il-borza l-bajda, pero' wara ħafna diskussjonijiet jidher li l-Wasteserv ċediet. Jidher li l-borza l-bajda hija għar mis-sewda għax qed tispiċċa mqatta min

klieb u qtates, u aħna bħala Kunsill qed nissuġerixxu li l-ewwel tinġabar il-borza l-bajda. Pero' l-kuntrattur tal-Mosta m'għandux trukk b'żewġ kompartamenti, ħlief wieħed min tlett trukkijiet, allura hemm xi żoni li jkun hemm bżonn jdurhom iktar min darba.
Is-Sindku nforma li kellu diskussjonijiet diretti mal-GreenMT, peress li żdied ir-reċiklaġġ, u l-kuntrattur tagħna huwa mħallas ta' tlett trakkijiet, u għalhekk sar qbil li jiddaħħal ir-raba' trukk, pero' dan xorta mhux biżżejjed u għalhekk ħa ssir laqgħa oħra mal-GreenMT għax ħa jkun hemm bżonn jiddaħħal il-ħames trukk mil-kuntrattur tagħna.

### 69.3.2 Kommunikazzjoni – Bins
Is-Sindku nforma li hemm Kunsilli Lokali li qed joffru għinuna lil Wasteserv biex jitqassmu l-*bins* li fadal u/jew għadhom ma nġabrux. Il-Kunsill kien diġa offra spazju ġewwa l-Kunsill lil Wasteserv biex dawn jkunu jistaw jkomplu jqassmu, pero' m'aċċettawx peress li nfurmawna li m'għandhomx biżżejjed *staff.*

Is-Sindku nforma li s'issa ma rċevejniex ilmenti li residenti Mostin għadhom ma ġabrux il-*bins*, u staqsa lil-membri tal-Kunsill biex jekk għandom xi *feedback* li hemm bżonn, nerġaw nistaqsu lil-Wasteserv biex jiġu l-Kunsill u ngħinu kif nistaw. Xi membri tal-Kunsill offrew il-ħin tagħhom biex jgħinu lil-Wasteserv jqassmu l-*bins* mill-bini tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa terġa tinforma lil Wasteserv, jekk jridux l-għajnuna tagħna fuq żewġ sibtijiet biex almenu naqdu r-residenti kif nistaw, b'mod speċjalment l-anzjani.

### 69.3.3 Kommunikazzjoni – Attivitajiet
Is-Sindku talab lil-membri preżenti li dawn iż-żmienijiet ħa jkollna ħafna stedini, u tajjeb li l-Kunsilliera jkunu preżenti.

### 69.3.4 Korrispondenza – Annual Budget for Financial Year 2019
Is-Sindku qal li l-Annual Budget for Financial Year 2019 intbgħat lil-Kunsilliera kollha għal-approvazzjoni. Is-Sindku nforma li dan l-istess dokument ġie ppreżentat waqt il-laqgħa annwali, fejn wera d-diżappunt tiegħu għal-attendenza fqira mil-pubbliku u mil-Kunsilliera, fejn attendew biss żewġ residenti u żewġ Kunsilliera, Angele Rapa u Jesmond Gauci flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier Frans Deguara kien skużat għax ma setgħax jattendi.

Is-Sindku għadda fuq ftit punti tal-Annual Budget hekk kif inhu ġej:

- 2017 għalaqna b'surplus ta' 90,000 Ewro.
- 2018 qed nipproġettaw li ngħalqu s-sena b'surplus ta' 200,000 Ewro, u għalhekk għal-2019 ħa nkunu qed ngħamlu użu min *budget* ta' 300,000 Ewro. Fejn dawn il-Kunsill ħadem għalijhom niex jitnaqqas id-dejn li l-Kunsill kien qed jġorr min leġislaturi ta' qabel.
- Min dawn it-300,000 Ewro minnhom ħa nallokaw 150,000 Ewro f'toroq.
- Għat-2018 kellna *budget* ta' dħul ta' 1.4 miljun, u daħħalna 1.3 miljun, u għal 2019 qed nippjanaw li d-dħul jkun ta' 1.4 miljun.
- Spejjes ġew proġettati fl-2018 kien li nonfqu 1.2 miljun u nfaqqna ftit inqas, u għas-sena 2018 qed niproġġettaw li nonfqu 1.2 miljun.
- Għal FSI il-Kunsill huwa obbligat li jgħalaq bi +10% fl-aħħar ta' kull sena, u konna qed nibbaġġitjaw li ħa ngħalqu s-sena bi +15%, pero' ħa nkunu fil-fatt qed ngħalqu b'FSI ta' +38%, u għal-2019 ħa nkunu qed niproġġettaw li ngħalqu b'FSI ta' +42%.
- Hospitality u Community, għal-2019 għolejna l-*budget*.

Is-Sindku għamel referenza għar-rapport ta' l-awditur fejn reġaw indikaw bħas-snin ta' qabel, li ma jistgħawx jgħatu opinjoni, għalkemm fl-2017 il-Kunsill għalaq b'*surplus* ta' kwazi 90,000 Ewro. Il-pubbliku hemm barra qed jistaqsi jekk l-*accounts* tal-Kunsill hux daħqa fil-wiċċ, għax jekk il-Kunsill qiegħed b'*surplus* għalxiex l-NAO m'għandiex opinjoni?

Is-Sindku spjega li n-*no opinion* tal-NAO ġejja min tlett affarijiet;

i) mil-kumitat konġunt li l-Kunsill m'għandux rendikont ta' figuri, li din ġejja min leġislaturi ta' qabel,
ii) Il-Kunsill jrid jibni *fixed assets registry,* li dan qatt ma sar mil-*accountants* ta' qabel, u issa b'dejna nibnuħ bil-mod.
iii) Il-Kunsill kien għamel *write-off* ta' *stock* ta' kotba antiki.

Is-Sindku nforma li din id-darba in-*no opinion* mhux ħa tiġi aċċetata, u mhux ħa tintbgħat ittra b'risposta, imma ħa ssir laqgħa nhar il-ġimgħa li ġej fl-uffiċini tal-NAO, fejn is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Accountant tal-Kunsill, ħa jiltaqaw ma l-awditur tal-Gvern kif wkoll ma l-awdituri mqabbda mil-NAO, biex nikjarifikaw dawn l-affarijiet.

Is-Sindku nforma wkoll li meta ċempel l-NAO biex ngħamlu *meeting,* l-anqas huma ma għoġbitom ir-risposta ta' l-awdituri li qabdu huma stess, fejn il-Kunsill qed juri biċ-ċar li għamel *surplus,* u jibqaw jgħidu li m'għandhomx opinjoni.

**69.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**69.4.1 - Party għal-Anzjani**

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk nistawx nirrifondu lura l-biljetti li nxtraw, peress li 'issa l-*party* ħa jkun konġunt ma tal-Parroċċa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li nbiegħu 4 biljetti u diġa kkomunikajna magħhom bit-tibdil, issa kemm nirrifondu lura dawn l-4 biljetti u ħa titlob lil-membru ta' l-istaff biex jikkordina mal-Kunsillier Deguara.

**69.4.2 – Ħarġa tal-Kunsill**

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss ħa tkun Wirja ta' Bambini u ħa ssir fl-20 ta' Diċembru 2018.

**69.4.3 – Gazzeta Mosta Solidali**

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-gażetta Mosta Solidali tlestiet u ħa tibda titqassam min għada 11 ta' Diċembru 2018. Il-Kunsillier Deguara ħa jgħaddi *digital copies* tal-gazzetti li ħarġu biex jinżammu bħala rekords il-Kunsill.

**69.4.4 – Twinning Millbrae**

Il-Kunsillier Deguara nforma li ltaqa' ma s-Sur Louis Vella dwar il-grupp li ġej min Millbrae f'April. Kellhom laqgħa l-FCM travel biex jitfassal program għal-din iż-żjara.

**69.4.5 – Ilmenti**

Il-Kunsillier Deguara ressaq dawn it-tlett ilmenti;

i) Ħaxix ħażin fi ħwat fi Vjal Qalbiena Mostin.
ii) Żbir fil-passaġġ Vjal Ragusa.
iii) Ħofra fi Triq l-Għadajjar.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota, u reġgħet fakkret lil Kunsillier Deguara biex l-ilmenti jgħaddihom lil-Kunsill mil-ewwel, biex kemm jista jkun jiġu *tackled* mil-ewwel.

### 69.4.6 – Bozza

Il-Kunsillier Gauci qal li hemm bozza ila ħafna maqtugħa, fi Triq San Ġużepp fejn Sprettu Court fejn tagħlaq it-triq. Is-Sindku staqsa jekk ġietx irrapurtata, u l-Kunsillier Gauci nforma li min wassallu l-ilment irrapurtaw lil-Enemalta, fejn infurmawhom li jridu jirrapurtaw il-Kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bozzoz li jiġu rrapurtati l-Kunsill dawn jissewwew fi żmien 3 ijiem, iġifieri jekk min ressaq l-ilment baqaw ma rrapurtawx il-Kunsill din il-bozza ħa tibqa maqtugħa. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiġi rrapurtata.

### 69.4.7 – Annual Budget for Financial Year 2019

Il-Kunsillier Borg irrimarka li skont l-Annual Budget li ġie preparat għal-2019, il-Kunsill ser jkollu żbilanċ ta' 20,000 Ewro, għax f'paġna 6 jidher li fis-*surplus u deficit* hemm żbilanċ, għax għalkemm il-Kunsill jidher li fl-2019 ħa jgħalaq b'FSI ta' 42%, dan fil-verita huwa suġġettiv. Dan għaliex parti kbira hija assi, li maż-żmien dan ħa jitnaqqas f'*deprecition,* u tfisser wkoll li għas-sena d-dieħla l-Kunsill ħa jonfoq iktar flus milli ħa jdaħħal, u dawk il-150,000/200,000 Ewro profit ħa jiġu nvestiti kolla f'assets. U għalhekk ta' l-opinjoni li dawn il-flus ma jiġux investiti kollha f'assi, imma jinqasmu f'assi fissi, f'attivitajiet u forsi affarijiet oħra rikkurenti.

### 69.4.8 – Walking Club

Il-Kunsillier Borg nforma li ħafna qed jikkuntatjawħ fuq il-Walking Club, u li jixtiequ jkunu parti mil-mixjiet organizzati mil-Kunsill nmexxi mil-Kunsillier Borg. Il-Kunsillier Borg peress li kien impenjat bl-eżaminijet staqsa kemm hu possibli li nerġaw nibdew norganizzaw dawn il-mixjiet.
Is-Sindku nfurmaħ biex jkompli jmexxi l-Walking Club u jorganizza mixjiet, u jekk hemm bżonn nibgħatu anke *fliers door to door* aparti Facebook u nibgħatu lis-*subscribers list.*
Il-Kunsillier Borg nforma li din mhux il-problema, għax il-Walking Club diġa popolari ħafna, l-problema hija li jixtieq jkollu għajnuna min Kunsilliera oħra.

Is-Sindku ssuġġerixxa biex meta ma jkunux jistaw jattendu għal-mixja żewġ Kunsilliera, nsibu lil xi ħadd li jkun *outsourced* li jista jieħu ħsieb. Is-Sindku u l-Kunsillier Borg ħa jiltaqaw biex jippjanaw programm għas-sena d-dieħla kif wkoll pjan biex il-Walking Club jibqa għaddej.

### 69.4.9 – Doggy Bin

Il-Kunsilliera Bonnici ressqet suġġeriment min-resident/a, biex jsir *doggy bin* in-naħa ta' fejn Ta' Bistra li tagħti għal-Mount St. Joseph. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex jsir *doggy bin* fil-parti tat-triq li tgħamel parti mil-Mosta.

### 69.4.10 – Bins

Il-Kunsilliera Bonnici ressqet suġġeriment biex għal-attivita tal-weekend li ġej, nżidu *waste bins* temporanji.

### 69.4.11 – Ta' L-Isperanza

Il-Kunsilliera Bonnici resqet ilment għax hemm triq fejn ta' l-Isperanza li qegħda fid-dlam. Il-Kunsilliera Bonnici għanda tikkonferma liema hi t-triq, u tinforma lil-Kunsill.

## 69.5 Rapporti

### 69.5.1 Update- Sejħa għall-post ta Skrivan/a Skala 15

Il-bord qabel li s-2nd *interviews* jsiru fis-17 ta' Deċembru fil-5:30. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma l-applikanti.

69.5.2 Proċess tat-Tender KLMT-02-2018 - Road Maintenance of access & access only roads & ancillary works

Is-Sindku nforma li dan it-tender għalaq fid-29 ta' Ottubru 2018. L-offerti infetħu u qegħdin fil-proċess ta' evalwazzjoni.

69.5.3 Proċess tat-Tender KLMT-06-2018 – Upkeep and maintenance of parks, gardens, and soft areas using environmentally friendly products and practices

Is-Sindku nforma li dan it-tender għalaq fid-29 ta' Novembru 2018. L-offerti infetħu u qegħdin fil-proċess ta' evalwazzjoni.

69.5.4 Proċess tat-Tender KLMT-08-2018 - Supply, Installation and Commissioning of CCTV Systems

Is-Sindku nforma li dan it-tender għalaq fit-23 ta' Novembru 2018. L-offerti infetħu u qegħdin fil-proċess ta' evalwazzjoni.

69.5.5 Proċess tat-Tender KLMT-05-2018 – Replacing of existing lamps to LED Classic style Luminaries

Is-Sindku nforma li dan it-tender għalaq fid-29 ta' Novembru 2018. L-offerti infetħu u qegħdin fil-proċess ta' evalwazzjoni.

69.5.6 Proċess tat-Tender KLMT-07-2018 – Provision of Bulky Refuse Collection from the Locality of Mosta in an environmentally friendly manner

Is-Sindku nforma li dan it-tender għalaq fit-3 ta' Diċembru 2018. L-offerti infetħu u qegħdin fil-proċess ta' evalwazzjoni.

69.5.7 Kuntrattur fuq it-tindif ta' l-uffiċini, sala u Youth Empowerment Centre.

Is-Sindku nforma li l-Kuntrattur nfurmana li ma jistax jibqa jonora il-kuntratt minħabba problemi ta' Staff. Fil-fatt f'xahrejn darbtejn biss tawna s-servizz, għalhekk issa ħa nmexxu bit-tieni offerent, skond l-EPPS u l-proċeduri tat-tenders.

69.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

69.6.1 Skeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 83.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 20 ta' Novembru 2018 sal-10 ta' Diċembru 2018.

69.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

69.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

69.6.4 **Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu Il-listi tal-petty cash li tkopri xahar ta' Novembru 2018.

## 68.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-14 ta' Jannar 2019 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 10 ta' Diċembru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |